DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

StudentBounty.com

Ro

**L-EWWEL SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 22 | 4 | 8 | 8 | 14 | 16 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

KUMMENTI

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# IL-KALEJDOSKOPJU



Xi ġmiel ta' forom joħroġ il-kalejdoskopju! Tubu tal-kartun magħluq minn naħa u b'toqba rqiqa fit-tarf l-ieħor, tliet merat żgħar bil-ponot jistrieħu kontra xulxin biex jiffurmaw trianglu, koċċ frak tal-ħġieġ jiċċaqlaq bejn il-mirja. Min jittawwal mit-toqba jara fjuri li qatt ma ra bħalhom, kristalli delikati jibdlu surithom mal-iċken taħrika. (*par. 1*)

Il-mara li tagħmel il-kalejdoskopji kienet tbigħhom lit-tfal huma u sejrin l-iskola. Dawn kienu jintilfu jilagħbu bihom, u mhux l-ewwel darba li min jgħallimhom kien jeħodhomlhom minn idejhom, jaqfilhom fil-kexxun u jagħtihomlhom lura qabel joħorġu mill-klassi. (*par. 2*)

Imma wieħed mill-għalliema ma kienx jagħmel hekk. Wara r-radd tas-salib u xi ftit qari, kien iħallihom jittawlu fil-kalejdoskopju u jieħu gost jismagħhom jistagħġbu bil-forom u l-kuluri. Imbagħad kien jaħdmilhom xi żewġ sommiet, jew jirrakkuntalhom storja, jew ikellimhom fuq id-dinja tal-ħxejjex u l-annimali, u wara ftit, meta jaħbtu jiddejqu, jiftħilhom il-bieb biex joħorġu jilagħbu. (*par. 3*)

(Silta meħuda minn *Ħrejjef għal Żmienna* ta' Joe Friggieri)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Għaliex jistagħġeb il-kittieb b'dak li joħroġ mill-kalejdoskopju?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

2. Semmi żewġ affarijiet li tista' tara meta tittawwal mit-toqba rqiqa tal-kalejdoskopju.

_______________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. It-tfal, meta kienu jixtru l-kalejdoskopji mingħand il-mara?

____________________________________________________________

4. Għaliex taħseb li min kien jgħallimhom kien jieħu l-kalejdoskopji mingħand l-istudenti u mbagħad jagħtihomlhom qabel joħorġu mill-klassi?

____________________________________________________________ (1)

5. X'kien jagħmel iżda wieħed mill-għalliema mal-istudenti dwar il-kalejdoskopji?

____________________________________________________________ (1)

6. X'kien jagħmel l-għalliem qabel ma jiftħilhom il-bieb biex it-tfal joħorġu jilagħbu?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

7. *Dawn kienu jintilfu jilagħbu bihom...* (*par. 2*) Għal min qiegħda tirreferi l-kelma *Dawn*?

____________________________________________________________ (1)

8. *Imma wieħed mill-għalliema ma kienx jagħmel hekk.* (*par. 3*) Għal xiex qiegħed jirreferi l-kittieb meta jgħid: *ma kienx jagħmel hekk*?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

9. Immarka t-tajba.

koċċ (*par. 1*) = ħafna ______ ftit ______ mhux ħażin ______ (1)

taħrika (*par. 1*) = ċitazzjoni ______ imbuttatura ______ ċaqliqa ______ (1)

10. Fisser il-frażi: *jaħbtu jiddejqu* (*par. 3*) ________________________________ (1)

### (iii) SINTASSI/SENTENZA

11. Ikteb is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tbiddel it-tifsira tagħha.

Dawn kienu jintilfu jilagħbu bihom, u mhux l-ewwel darba li min jgħallimhom kien jeħodhomlhom minn idejhom. (*par. 2*)

Mhux l-ewwel darba ____________________________________________

____________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA** (1

12. Qiegħed l-artiklu quddiem in-nom.
    storja - ____________________ (1)
13. Imla l-vojt b'kelma mill-għerq mogħti.
    Ilbieraħ aħna ________________ (d-ħ-l) fil-għar biex ________________ (f-t-x) l-qattus. (2)
14. Immarka l-partiċella magħquda mal-artiklu.
    Kien ikellimhom fuq il-kobor tal-univers jew fuq id-dinja tal-ħxejjex. (1)
15. a) Immarka l-verbi fis-sentenza mogħtija.
    Jake u Melissa xorbu l-ilma wara li għamu. (2)
    b) Liema mill-verbi huwa dgħajjef? ________________ (1)
16. Agħti l-għerq tal-verbi:
    jiċċaqlaq - ________________ jgħajtu - ________________ (2)
17. Imla l-vojt.
    Li kieku jiena kont ________________ (t-l-f) il-ħin ma kontx ____________________
    (għ-d-j) mill-eżami. (2)
18. Oħroġ nom verbali mill-verbi:
    jilagħbu - ________________ jirrakkonta - ________________ (2)
19. Agħti l-verb li minnu tnisslu dawn in-nomi.
    qari - ____________________ kobor - ____________________ (2)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

# Qwiel u Idjomi



1. Imla l-vojt billi tkompli l-qwiel.
   a) Alla ______________________ u bl-oħra jżiegħel bina. (1)
   b) Ix-xemx titla' u x-xita ________________________________________. (1)
2. Fisser l-idjomi.
   a) qabar imbajjad - ________________________________________ (1)
   b) f'tebqa ta' għajn - ________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV

F'madwar ħamsin kelma ikteb ittra lill-editur tal-gazzetta *Il-Muftieħ* biex tfaħħar l-inizjattiv studenti żgħażagħ li naddfu volontarjament l-ambjent naturali tar-raħal tiegħek. Tinsiex tiffir ismek.

24, Triq l-Iskola,
Ħ'Attard ARD 1204

2 ta' Ġunju, 2011

L-Editur,
*Il-Muftieħ,*
12, Triq il-Ġilju,
Żurrieq ŻRQ 2410

Sur Editur,

Dejjem tiegħek,

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - FOLKLOR

Ikteb dwar drawwa **waħda** li fittixt dwarha għall-proġett. Ikteb madwar ħamsin kelma.

StudentBounty.com

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## F. (i) LETTERATURA - NADRIET 1 (14-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A.** Aqra s-silta u wieġeb.

**L-Għasfur** ta' Ninu Cremona



Ittajjar ja ħanin, u jekk moħbija
tilmaħ taħt dielja dar ċkuniti, oh tliegħek
waqqaf għal ftit; b'din l-għanja sellili għaliha.

1. Din il-poeżija hija _________________________. (1)
   (sunett Petrarkjan, sunett Shakesperjan, saffika)

2. Il-poeżija hija miktuba bil-vers __________________. (1)
   (dekasillabu, endekasillabu, senarju)

3. Il-poeżija hija mqassma f'erbatax-il vers, imqassmin f'żewġ __________________________
   u żewġ ___________________________. (2)

4. Minħabba li l-poeta jindirizza lill-għasfur, huwa juża l- ____________________________. (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. F'madwar ħamsa u għoxrin kelma agħti l-ħsieb tal-poeżija *L-Għasfur* ta' Ninu Cremona j[...] poeżija *Il-Ħolma t'Alla* ta' Anton Buttigieg. (6 ma[...]

StudentBounty.com

**B. Aktar Nadriet Poetiċi**

*Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech, *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa, *Dik Mewġa!* ta' Anastasju Cuschieri, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Xita* ta' Mary Meylak

Agħżel poeżija **waħda** mil-lista u f'madwar għoxrin kelma ikteb dwar dak li ried iwassal il-poeta permezz tal-poeżija. (3 marki)

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (16-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A. Stejjer tal-Linka** – Sedqa (6 marki)

F'madwar ħamsa u għoxrin kelma ikteb dwar *Buzzy* **jew** dwar *Jason Grima*.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Zito Zandarell** ta' Carmel G. Cauchi (10

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar mitt kelma.

1. Irrakkonta dak kollu li taf dwar meta ltaqgħu għall-ewwel darba Stefan u Melissa Debono ma' Zito Zandarell waqt li kienu jilagħbu l-Buskett.

2. Ikteb dwar l-ewwel ġranet ta' Zito fl-iskola u għid x'ġara meta Lorella ħadet kanarin l-iskola.

3. Zito sab ruħu marbut minn idejh u saqajh fil-mitħna ta' Sidor. Irrakkonta dwar kif is-Sur Rospo u Saborra kienu nasbu lil Zito biex ħaduh fil-mitħna. Dwar xiex kienu qegħdin jitlewmu Rospo u Saborra meta semagħhom Zito meta tella' l-antenni?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Jiena u sejjer/sejra l-Belt, iltqajt ma' … (kompli)
2. Ħdejn il-baħar meta tinżel ix-xemx!
3. Ix-xemx u l-baħar huma tajbin għal saħħitna iżda ... (kompli)
4. Fil-vaganzi mmur nagħmel xogħol volontarju.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Il-ħin huwa prezzjuż!

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers